MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru 64/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Mohammed Hassan Ali, ta' 23 sena, bin Hassa u Mohammed u Fathija Abdalla, imwieled Ramallah (Palestina), nhar l-10 ta' Ottubru, 1984, residenti fil-fond numru Hal Far, limiti tat-Tent Centre, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 46834(A);**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Mohammed Hassan Ali li gie akkuzat talli nhar it-2 ta' Ottubru 2008, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex ghall-habta tat-tmienja (19:50) ta' filghaxija;

a) Talli bil-hsieb li jaghmel hsara lil PC863 France Grima u PC1376 Martin Muscat akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti ai termini tal-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkustanzi ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom taht l-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 u mhux taht l-Artikolu 110(2). Illi x'aktarx illi l-Avukat Generali indika dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi bhala alternattiva l-wahda ghall-ohra. Kwindi, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ikkontemplata fl-Artikolu 110(2) u ser issib htija biss tar-reat li jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 101;

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti sejra tiehu inkonsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-fatt illi ddispjacieh ghall-akkadut u skuza ruhu ghal dak li ghamel mal-Pulizija;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 101(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' din l-ordni jew jekk huwa ma jsegwix l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna illi kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur Probation Services skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------